MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

25 t' April 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA - Sindku
MARISA ABELA - Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI - Kunsillier
JOHN DEBONO - Kunsillier
RALPH CASSAR - Kunsillier
CONNIE SCERRI - Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ALEX MANGION – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Debono u Abela li kienu ghadhom ma waslux.

## 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

27.1.1 Giet maqruha l-ittra t'apologija tas-Sur Mangion. L-ittra ġiet aċċettata.

Intalbet sospensjoni sabiex titkellem is-Sinjorina Diandra Borg li rringrazzjat lill-Kunsilliera u ntrodċiet ruħha formalment ma' kulħadd.

## 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument (5.33 ta' filgħaxija).

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

27.3.2 Nħarġet statistika fuq IRO Legal Letters – Li hemm jinġabru madwar €91,558.99. Li sad-19 t'April kienu nġabbru 7,647.60 li minnhom jekk il-Kunsill jaqbel jitħallsu l-ispejjeż tal-ittri legali u posta u jibqa' €5577.74 xi jdaħħal. Kulħadd qabel li jekk dawn jinġabru mhumiex telf.

27.3.3 Is-Sinjura Marisa Abela daħlet f'dan il-mument (5.35 ta' filgħaxija)

27.3.4 Intbaghtet e-mail lil TM fejn intalbet informazzjoni fuq l-istima preċiża sabiex jingħata l-wiċċ ta' Triq Santa Katerina. L-istima ġiet €55,468.00 u hu tal-opinjoni li jekk jitħallas l-ammont ta' €10,000 u jsir tarmak minn Zahra Enterprises san-Nunzjatura it-triq tkun saret kollha kif suppost u l-Kunsill ma jkunx ħareġ ħafna flus.

27.3.5 Ir-Reġjun jintroduċi sistemi ta' Bye-laws, skond il-karta annessa, fejn l-iktar li jinteressaw il-Kunsill tagħna huma bye-laws fuq il-kostruzzjoni u l-iskart. Kien hem qbil unanimu li nipprocedu fuq dawn.

27.3.6 Kif jaf kulħadd kien hemm *surge* ta' dawl u saret ħsara fis-CCTV's ta' Ġnien Ħal-Warda u Ġnien Misraħ Kola. Il-Bord tal-Evalwazzjoni wasal għall-konkluzjoni li offerta waħda ma kinitx biżżejjed. Għalhekk ġie deċiz li tinħareg offerta oħra. Kulħadd qabel.

27.3.7 Propona wkoll li jsir apparat mal-metre fejn hemm *cameras* sabiex jiġu protetti minn dawl qawwi

Saret laqgħa mal-MTA u ħa jiġi ffinanzjat il-proġett ta' *refurbishment* ta' Ġnien Karm Debono, kif ukoll għadhom kif twaħħlu għadd ta' tabelli li jagħtu ftit mill-istorja ta' postijiet storici

27.3.8 f'Ħ'Attard. Ħa jiġi kkuntatjat il-Perit tagħna.

Ġiet riċevuta ittra fuq binja fi Triq l-Isfarġel PA/01886/17 t'għoli ta' 4 sulari u penthouse. Is-Sur Cassar qal li għandha ssir oġġezjoni imma a bażi li qed isir żvilupp eċċessiv. Il-Perit
27.3.9 għandu jieħu ħsiebha.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-*online streaming* sabiex tigi diskussa ittra minn resident. (Hin 6.08 ta' filgħaxija). Is-Sindku qal li l-e-mails issa ilhom għaddejjin snin u hu ma xtaqx jgħaddi
27.3.10 kummenti żejda imma jħoss li issa żżejjed. Qal li l-e-mails dejjem ġew imwieġba u kif suppost. Issa ntbagħtet *shopping list* u ma jistgħux jibqgħu sejrin hekk. Is-Sur Cassar propona li ma jiġi mwieġeb xejn. Is-Sur Cordina ma qabilx. Qal li għandu jiġi mwieġeb imma din tkun tal-aħħar u l-każ jiġi definittament magħluq. Għandhom jingħataw risposti dwar skond il-kompetenzi u responsabbiltajiet. Kulħadd qabel.

Ġiet riċevuta e-mail fuq id-disinn għall-medalja ġdida tat-10k *Races.* Ġie maqbul li d-disinn għandu jkun dak tal-Istazzjon. Kulħadd qabel.

27.3.11

L-assenzi għandhom ikunu ġustifikati b'e-mail jew ittra u għadhom isiru biss f'każ ta' safar, xogħol jew mard

27.3.12

## 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.4.1 Is-Sur Marco Spiteri saqsa fuq:

- Għala sari l-*yellow line* ħdejn il-Palazz tal-President? Dan sar for *security reasons.*

27.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq

- Informazzjoni li jixtieq fuq il-ħajt ta' Wied Irmiedi, min bnieħ u fejn irrapurtajna.
- Talab biex tinżabar siġra fi Triq Victor Vassallo ma' Triq il-Faqqiegħ.

27.4.3 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- L-UGP u naraw l-obbligazzjoniiet li għandhom ELC.
- Kwotazzjoni għal *maintenance agreement* ieħor mal-ELC.
- Il-knis li donnu reġa' ħa daqqa ta' ħarta speċjalement Istwiel u Ħafur. Is-Sur Cordina qal li qed ikunu kullimkien.
- Ħmieġ madwar il-Bring-in-Site fi Triq il-Mosta.
- Residenta talbithu biex jiġi eskluż it-traffiku mill-*area* ħdejn Scotts. Is-Sur Cordina qal li din art private u jekk tingħalaq ma jgħaddi ħadd.
- Biex napplikaw għall-Attivitajiet Kulturali 2018 imma nqabbdu xi ħadd professjonali bħas-Sur Pawlu Azzopardi. Din is-sena ħa jaħbat ukoll mac-Celebrazzjonijiet ta' meta daħal il-konvoj ta' Santa Marija.
- Fuq is-siġar ta' ħdejn il-flats. Ħa jigu miżrugħin oħra.

27.4.4 Is-Sinjura Marisa Abela saqsiet fuq:

- Fuq iż-żebgħa tal-monti. Din ħa ssir mill-ħaddiema tar-Reġjun.
- Biex isir sinjal *choose your lane* fi Triq Ganni Portelli

27.4.5 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Min inaddaf il-monti ta' Ta' Qali. Dan jitnaddaf mill-*Public Cleansing Department*
- Fuq il-Lost and Found. Is-Sindku rrisponda li konsultazzjoni ma saritx ħlief li ġejna kkonsultati ħabba l-Posti tal-Ikel.
- Li l-Fikus ta' Ġnien l-Istazzjon baqgħet ma rmitx.

27.4.6 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq:

- Iż-żebgħa tal-art fi Triq Santa Katerina. Din ħa ssir wara li jitlesta t-tarmak.

27.4.7 Is-Sinjura Connie Scerri saqsiet fuq:

- Triq Peter Paul Rubens u diversi affarijiet. Ħa tittieħed nota.
- Ilma ħiereg kontinwament minn ħdejn Banif Bank. Ħa jsir rapport.
- Il-Ġemellaġġ u l-Accordian Band. Suppost miexi.
- L-parkeġġi ħdejn Banif. Ma jistgħux jiġu riżervati.
- €50 fi fjuri għas-sepulkru tal-Parroċċa. Din l-ispiża ġiet approvata.
- Li terġa tiġi ntrodotta l-iskema Tree 4U
- L-cover tal-iskips. Għadha ma nstabietx stima rħisa.

## 27.5 Rapporti

27.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 27.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Ingaġġ ta' Ko-ordinatur u ta' Skrivan/a Part Time taħt l-iskema ta' Diżabilita' ts-CIES

27.6.1 Skema CIES - rapport mehmuż. Is-Sur Cordina qal l saru l-*interviews* u l-aħjar applikanta kienet Teresa Calleja skond ir-rapport anness. Is-Sinjura Calleja jekk kulħadd jaqbel tibda l-impieg tagħha part-time min-nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju. Kulħadd qabel.

27.6.2 Harġet *internal call* għall-project's Co-ordinator u applika biss is-Sur George Borg li ilu mal-Kunsill taħt l-iskema CIES snin. Is-Sur George Borg , jekk kulħadd jaqbel jibda l-impieg tiegħu full-time min-nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju. Kulħadd qabel.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Annwali Finanzjarji Awditjati 2016

27.7.1 Approvati.

## 27.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

27.8.1 Approvati.

## 27.9 Mozzjonijiet; u

27.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għall-23 ta’ Mejju 2017 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 23 ta’ Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |